MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 202/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**Vs**
Joseph Mallia

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn it-12 ta' Marzu, 2004 u t-30 t'April, 2004 naqas milli jhallas is-somma ta' hamsa w hamsin lira Maltin (LM55) fil-gimgha bhala manteniment ghaliha w ghat-tifla minuri Joel u dana meta hekk ordnat b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat 18 ta' Frar, 2004.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 t'Ottubru, 2004, li biha,

wara li rat l-artikolu 338(z) u 7(2)(a) tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 t'Ottubru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w minflok tillibera lill-esponent minn kull htija w piena, u jekk din il-Qorti tara xieraq, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-esponent hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, izda in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tirrevoka s-sentenza in kwantu ghall-piena nflitta w tirriduci l-istess in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jew jekk dina il-Qorti hekk tara xieraq, u in vista tal-pendenza tal-proceduri stitwiti mill-esponent ghar-revoka tal-manteniment ordnat, tissoprassjedi sakemm l-ezitu tal-imsemmija proceduri jkun maghruf u mbaghad tipprocedi kif tara xieraq.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. li is-sentenza appellata hija nulla peress li l-effetti tad-Digriet li kien ordna l-manteniment moghti fit-18 ta' Frar, 2004, kienu skadew stante li tali Digriet ma kienx gie segwit b' citazzjoni opportun fit-termini ta' xaharejn u dana skond l-Artikolu 7 (1) ta' l-Avviz Legali 397/2003. Ma ngabet ebda prova li l-azzjoni ghas-separazzjoni giet istitwita fi zmien xaharejhn stipulat mil-ligi u lanqas irrizulta li l-istess terminu kien gie propogat bi zmien itwal kif tirritjeni l-ligi . Ghalhekk id-Digriet in kwistjoni ma kienx baqa' esegwibbli wara t-18 t' April, 2004, cioe' xaharejn wara d-data tieghu . 2. Illi hu ma baqax ihallas il-manteniment mhux b' kapricc izda ghax fis-16 t' April, 2004 tilef l-impieg tieghu minnhabba cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom. Illi hu kien ipprezenta rikors fit-18 ta' Settembru, 2004 , liema rikors ghadu pendenti quddiem il-Qorti Civili, biex id-Digriet tal-manteniment originali jigi revokat , b' dana kollu l-Ewwel Qorti cahditlu talba ghal differiment u biex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza . Illi l-**

**appellant qed jipprova jsib impieg ta' driver. 3. Subordinatament l-Ewwel Qorti jmissha tat piena ehfef u aktar addattata ghall-appellant. Din kienet l-ewwel darba li hu ma hallasx manteniment lill-martu w n-nuqqas tieghu ma kienx wiehed kapriccuz izda dettat mic-cirkostanzi w ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tapplika piena karceraja w tkompli tezacerba s-sitwazzjoni bejn il-konjugi.**

**Rat id-Digriet Taghha tal-4 ta' Novembru, 2004 li bih ordnat il-korrezzjoni fir-rikors tal-appell billi minnflok id-data "4 t' Ottubru, 2004" li tidher fit-tieni paragrafu tar-rikors, jitnizzel in-numru "5";**

**Rat il-fedina penali tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat ir-rikors ta' Agnese Mallia, parte civili f'din il-kawza tat-22 ta' Dicembru, 2004, li bih infurmat lil din il-Qorti li ma kien intlahaq ebda ftehim mall-appellant zewgha dwar l-arretrati ta' manteniment dovuti lilha in forza tad-Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).**

**Rat ir-rikors tal-appellant tat-28 ta' Dicembru, 2004 li bih talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza stante li kien intlahaq ftehim dwar separazzjoni konsenswali bejn l-appellant u martu, kif jidher mill-minuta tal-istess kuntratt mieghu mehmuza w dana biex l-istess separazzjoni ma tigix pregudikata;**

**Rat id-Digriet Taghha tal-istess data li biha laqghet it-talba ghas-sospensjoni tas-sentenza ghall-iskop indikat fir-rikors ;**

**Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-6 ta' Jannar, 2005 li bih id-difensuri tal-appellant u tal-parte civile infuraw lill-Qorti li qed jistennew li jippublikaw kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni kif emendat ;**

**Rat in-nota tal-appellant tal-11 ta' Marzu, 2005, li biha nforma l-Qorti illi l-kunratt ta' separazzjoni konsenswali gie pprezentat quddiem il-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja] u kien jinsab appuntat ghas-16 ta' Marzu, 2005 sabiex jigi konkluz.**

**Hadet it-taghrif mehtieg fis-seduta tal-lum min ghand il-parte civile li fil-fatt il-kuntratt gie approvat mill-Qorti u sa jigi pubblikat ghada 18 ta' Marzu, 2005.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi bhala fatt mhux kontestat li b'digriet tat-18 ta' Frar, 2004 (Fol. 8) l-appellant gie ordnat ihallas LM35 fil-gimgha lil martu Agnes Mallia ghaliha kif ukoll LM20 fil-gimgha ghat-tifla minuri w li l-manteniment kollu ghall-periodu msemmi fic-citazzjoni ma thallasx. Di piu' mix-xhieda ta' mart l-appellant moghtija waqt l-udjenza tal-4 ta' Novembru, 2004, jirrizulta li l-appellant sal-15 t' April, 2004 kien hallas biss LM15 (minn LM20) manteniment tat-tifla minuri u minn dik id-data 'l hawn ma hallas xejn bhala alimenti la ghaliha u lanqas ghal-bintha minuri.**

**Illi l-apellant isostni li l-ewwel aggravju tieghu tan-nullita' tas-sentenza johrog mill-fatt li d-Digriet tas-Sekond' Awla ma kienx ghadu vigenti. Illi pero', f' kull kaz, dan l-aggravju ma jwassalx ghan-nullita' tas-sentenza appellata izda se mai biss ghar-revoka taghha w dan ghaliex in-nullita' tas-sentenza normalment tigi pronunzjata minhabba xi difett procedurali jew fl-andament tal-process jew fis-sentenza nnifisha , bhal , per ezempju meta fis-sentenza appellata ma jigix rispettat il-vot tal-ligi ghal dak li jrid ikun fiha sentenza skond l-artikolu 382 tal-Kap.9 . Ghalhekk anki jekk l-aggravju tal-appellant hu gustifikat, dan ma jwassalx ghan-nullita' tas-sentenza.**

**Illi dwar il-mertu tal-aggravju nnifsu w cioe' li d-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili ma kienx ghadu in vigore ghaliex mart l-appellant ma kienetx ipprocediet b' citazzjoni quddiem il-Prim' Awla fi**

**zmien xaharejn mill-istess Digriet li ma kienx gie prorogat , l-appellant jaghmel riferenza ghall-artikolu 7 (1) tal-Avviz Legali 397/2003 . Issa proprjament dan l-avviz legali bir-regolament citat ma zied xejn gdid. Di fatti dar-regolament jghid biss :-**

*"Meta l-Qorti tkun awtorizzat lil xi wiehed mill-konjugi jipprocedi b'kawza ghal firda personali, kull parti tista' tibda l-proceduri fi zmien xaharejn jew f' dak iz-zmien itwal skond ma l-Qorti tista' tistabilixxi ghal xi raguni gravi".*

**Izda se mai hu l-artikolu 37 (5) tal-Kodici Civili li jghid li d-Digriet ma jibqax esegwibbli jekk l-azzjoni ghas-separazzjoni li ghaliha jinghata permess ma timbediex fi zmien xaharejn mid-data tad-digriet jew f' dak iz-zmien itwal li tista' taghti l-Qorti fl-istess digriet jew f' digriet iehor wara.**

**Issa fil-kaz in ezami , d-digriet tat-18 ta' Frar, 2004, zgur li kien ghadu ezegwibbli sat-18 t' April, 2004 u ghalhekk il-periodu bejn it-12 ta' Marzu, 2004 u 18 t' April, 2004 zgur li hu kopert anki kieku kellu jigi ritenut li wara t-18 t' April, 2004, id-digriet ma kienx baqa' esegwibbli. Ghalhekk bhala fatt dan l-aggravju jirrizulta nfondat.**

**Umbaghad l-appellant jiccita favur it-tezi tieghu wkoll is-sentenza moghtija fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs.Raymond Cosaitis" **[23.4.1992].**

**Illi pero' hemm gurisprudenza ferm aktar recenti li nvestiet din il-materja *"funditus*" u li fiha gie deciz xort' ohra. Hekk fl-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar **" [2.9.1999] kien intqal testwalment hekk :-**

***"L-aggravju hu li l-Prosekuzzjoni ma gabitx prova li d-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ghadu fis-sehh (jew kien ghadu fis-sehh) fil-periodu li ghalih tirriferi l-ewwel imputazzjoni w dana peress li ma saritx il-prova li l-kawza fil-kontenzjuz ma saritx fiz-zmien utili ta' xaharejn .......Din il-Qorti wara li rat is-***

***sentenzi “****Pol. vs. Lawrence Cutajar* ***[10.3.1995] u*** *Pul. vs.Carmelo Farrrugia* ***[ 23.1.98] u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant . Ordni ghall-hlas ta’ manteniment kontenut f ’Digriet moghti mis-Sekond’ Awla jibqa’ validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) irrispettivament minn jekk ic-citazzjoni quddiem il-Prim’ Awla gietx intavolata, kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond’ Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta’ dikjarazzjoni ta’ Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null .Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-***

***1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta’ manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f’dan il-kaz , jew kieku si tratta ta’ ordni kontenut f’sentenza , kopja legali tas-sentenza relattiva.)***

*2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni , kellha tithallas is-somma .”Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova , jekk irid, u fuq bazi ta’ probabbilita’ li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni . “*

***Din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza Taghha diversament preseduta fil-kawza*** *“Il-Pulizija vs. Mario Mallia”* ***(8.5.1998) fejn ukoll gie ritenut :-***

***“....ghal finijiet ta’ kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta’ separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali ; galadarba l-ordni kontenut f’ dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul***

***mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla ( u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta'***
***dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni***
***ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-***
***Kodici Kriminali -- ara f'dan is-sens "****Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia* ***(App. Krim. [10.3.1995] , u l-****Pulizija v. Carmelo Farrugia,* ***App. Krim. [23.1.1998]. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint."***

**Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza kostanti li maghha taqbel din il-Qorti kif preseduta,jidher li l-aggravju tal-appellanti hu infondat stante li ma ingabet ebda prova mill-appellant - anki fuq bazi ta' probabbilita' - li dan id-digriet ma kienx ghadu in vigore jew li kien gie revokat jew mibdul. Anzi ghal kuntrarju jirrizulta li ghalkemm l-appellant jallega li hu safa' bla xoghol fis-16 t' April, 2004, dam sal-18 ta' Settembru, 2004 biex ipprezenta rikors fejn talab varjazzjoni fil-hlas tal-manteniment. U anki wara li din il-Qorti tat differimenti fit-tul ghas-sentenza ma rrizulta li sar ebda kambjament fil-manteniment ordnat fil-frattemp.**

**Illi dwar it-tieni aggravju li hu ma hallasx manteniment ghax tilef l-impieg , kif gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta , (Appell Krim.** Pul. vs. Anthony Saliba; **[15.7.1998] ) il-fatt li persuna tisfa' bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili , obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi , tipprovdi billi, se mai, timmodifika l-ordni dwar il-manteniment . U biss wara li jottjeni tali modifika , li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir , jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet .**

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew

tal-Qorti tal-Appell , li jordna l-hlas ta’ manteniment , din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija , fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza , tkun xi tkun ir-raguni , jew pretest biex jaghmel dan . Altrimenti,din il-Qorti , minn flok Qorti ta’ Appell Kriminali , tispicca tirriduci ruha f’wahda ta’ revizjoni dwar l-effikacja w r-ragonevolezza ta’ Digrieti jew sentenzi tal-Prim’ Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond’ Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha .

**Fil-kamp kriminali biex tirrizulta l-htija ta’ natura kontravenzjonali taht l-imputazzjoni bhal dik dedotta kontra l-appellant bizzejjed li jigi pruvat il-fatt tal-ordni tal-Qorti kompetenti li tordna l-hlas tal-manteniment - u normalment dan isir bl-esebizzjoni ta‘kopja legali tad-Digriet relattiv - u li l-akkuzat ikun naqas li jhallas l-ammont li jkun ordnat li jhallas mill-Qorti kompetenti fil-periodu imsemmi fil-komparixxi u - trattandosi ta‘ reat kontravvenzjonali - li dan ikun sar volontarjament . Mill-bqija konsiderazzjonijiet ohra jistghu biss u f ‘ certi kazijiet jittiehdu in konsiderazzjoini ghall-fini tal-applikazzjoni tal-piena , fejn il-Qorti ghandha diskrezzjoni li tapplika piena karcerarja ta’ detenzjoni jew ammenda , jew addirittura, dik tal-ammonizzjoni w reprensjoni. (ara ukoll App. Krim :** “Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri**” [18.9.2002])**

**Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda id-dikjarazzjoni ta’ htija l-appell hu infondat u qed jigi respint.**

**Illi dwar it-tielet u l-ahhar aggravju dwar il-piena , l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** “Ir-Repubbiika ta’ Malta vs. David Vella” **[14.6.1999] ,** “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina” **[24.4.2003] u ohrajn.) F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi .**

**Illi pero', kif solitament taghmel f' kazijiet bhal dawn , meta jkun hemm tama ta' soluzzjoni , din il-Qorti akkordat diversi differimenti bl-isperanza li l-appellant jigi in regola jew jikkomponi d-diferrenzi li ghandu ma martu. Issa jidher li d-differimenti akkordati f' din il-kawza taw il-frott mehtieg u li l-kwistjonijiet kollha bejn l-appellant u martu gew komposti b' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali w ghalhekk ma jidhirx li hu l-kaz li l-ferita f' dak li hu essenzjalment dizgwid matrimonjali terga tinfetah b' sentenza restrittiva tal-liberta. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Publius Said" **[9.7.2002]:-**

*"… din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta mtroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti w rikalcitranti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati , li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq……… w ghalhekk din il-Qorti thoss li in vista ta' dan l-izvilupp tant pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell , hemm lok ghal temperament fil-piena. "*

**Ghal dawn il-motivi anki f' dan il-kaz din il-Qorti thoss li ghandu ukoll ikun hemm temperament fil-piena u li s-sanzjoni ghall-ksur tal-ligi da parti tal-appellant ghandha tkun wahda ta' natura pekunjarja .**

**Konsegwentement , il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata , b' dana li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena ta' xahar detenzjoni u minnflok tikkundannah ihallas ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) li jekk ma tithallasx minnufieh tigi konvertita f' hamest ijiem detenzjoni skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------